MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2060/2000/1

**Edward Borg f'ismu proprju**
**u ghan-nom ta' Borg Cold Stores Ltd.**

**Vs**

**Cosmoline Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi kienet tivvanta titolu temporanju fuq il-fond 31, Old Theatre street, Valletta; u

Premess illi ghal snin twal, dan il-fond kien okkupat mis-socjeta' konvenuta; u

Premess illi s-socjeta’ attrici rrinunzjat ghal dak id-dritt a favur tas-socjeta’ konvenuta (Dok. A); u

Premess illi l-partijiet ftehmu illi s-socjeta’ konvenuta kellha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef u hames mitt lira Maltija (Lm4,500), hekk kif is-socjeta’ konvenuta takkwista l-proprjeta’ assoluta tal-fond imsemmi minghand is-sidien taghha;

Premess illi s-socjeta’ konvenuta akkwistat il-proprjeta’ imsemmija minghand s-sidien taghha permezz ta’ att ippubblikat min-Nutar John Patrick Hayman fis-7 ta’ Marzu, 2000 (kopja informi annessa Dok. B);

Premess illi minkejja illi nterpellata permezz ta’ ittra datata 22 ta’ Settembru, 2000, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Tghid is-socjeta’ attrici il-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex, ghar-ragunijiet suesposti:

1. Tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ Lm4,500, dovuta kif suespost;

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta’ Lm4,500.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru mahrug kontestwalment ma’ din ic-citazjoni kif ukoll tal-ittra interpellatorja datata 22 ta’ Settembru, 2000, u bl-imghax mill-1 ta’ Dicembru,1999.

Il-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur pro et noe a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta** a fol. 22 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li l-attur proprio et nomine ma ghandu l-ebda dritt fuq il-fond *de quo* kif kien iddikjara li ghandu.

2. Illi kien proprju dan id-dritt li l-attur proprio et nomine ddikjara li kellu ad eskluzjoni ta' ohrajn li kienet tifforma l-konsiderazzjoni tal-obbligazzjoni tas-socjeta' konvenuta li taghmel il-hlas miftiehem.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet a fol. 60;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**KONTESTAZZJONI**

Sottomissjonijiet ta' l-atturi

L-atturi qed jissottomettu li huma kienu rrinunzjaw ghad-drittijiet taghhom fuq il-fond imsemmi bil-patt li s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm4500, liema somma kellha tithallas wara li l-konvenuti jixtru l-fond in kwistjoni minghand is-sid. Kien intlahaq ftehim f'dan is-sens li huma minn naha taghhom iffirmaw, izda meta l-konvenuti gew biex jiffirmaw dana l-ftehim huma rrifjutaw billi riedu prova ta' min kien verament l-inkwilin, ghalkemm dina l-prova ma kinitx rikjesta fil-ftehim. L-atturi jissottomettu li l-konvenuti kienu jafu min kellu dritt fuq il-fond. Huma kienu disposti li anke jnaqqsu mit-talba taghhom biex jirrangaw u saret anke skrittura ohra f'dan is-sens izda l-konvenuti baqghu ma jridux ihallsu.

Sottomissjonijiet tal-konvenuti

Il-konvenuti minn naha l-ohra jissottomettu li l-atturi ma kellhom ebda dritt fuq il-fond in kwistjoni u ghalhekk ma kienux lesti li jiffirmaw il-ftehim u lanqas li jhallsu flus lill-

atturi biex dawn jirrinunzjaw ghad-drittijiet li qalu li ghandhom.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-atturi qed jibbazaw it-talba taghhom ghas-somma ta' Lm4500 a bazi ta' l-iskrittura ezibita a fol. 9 fejn jidher li s-socjeta' konvenuta kienet qed tobbliga ruhha li thallas lil E.Borg noe s-somma ta' Lm4500 in konsiderazzjoni tar-rinunzja maghmula favur taghha minn Borg.

Dina l-iskrittura giet iffirmata biss mill-atturi. Ir-raguni kienet li meta gie abbozzat dana l-ftehim mill-Avukat Farrugia dan kien ghaddieh lill-atturi, dawn iffirmaw, imbaghad Dr. Farrugia ghadda l-istess skrittura lin-Nutar H. Vassallo billi l-atturi kienu qalulu li dan seta' jikkonferma li l-atturi kellhom l-inkwilinat tal-fond in kwistjoni. Ghalkemm in-Nutar ikkonferma li l-post kien miss lill-atturi f'divizjoni li saret fil-*business* tal-familja Borg imma hu ma kellux dokumenti tal-kirja li turi li l-atturi kellhom jedd fuq il-fond. Ghalhekk il-konvenuti ma kienux disposti li jhallsu qabel ma l-atturi jgibu dina l-prova cjoe li kellhom jedd fuq il-post.

Gara wkoll li s-sid proprja tal-post, certu Antoine Xuereb (ara atti allegati) kien fetah zewg kawzi, wahda kontra Walmor Borg Imp /Ex Ltd (l-inkwilini originali tal-post) u ohra kontra Carbonaro biex jizgumbrahom mill-post. Minhabba f'hekk Carbonaro aktar beda jikkontendi li l-atturi ma kellhomx titolu fuq il-post u li kien gustifikat li ma jhallasx.

Jirrizulta mill-atti allegati li Dr.Leslie Grech, li kien qed jidher bhala prokuratur ta' Xuereb meta dan kien barra minn Malta, kien irrifjuta pagament ta' kera minghand Borg Cold Stores, jew Vernon, billi hu sostna li dawn ma kienux l-inkwilini originali. Gara pero' li fil-mori tal-kawzi, l-konvenuti lahqu xtraw il-post minghand is-sid Xuereb u l-kawzi waqfu hemm.

Minn dawn il-provi jidher li l-konvenuti kienu gustifikati li jitolbu minghand l-atturi prova li huma kellhom jedd fuq il-

post u li setghu jitlobu flus biex jirrinunzjaw ghad-drittijiet pretizi minnhom.  Ghalkemm Dr. A. Farrugia jikkonferma li l-partijiet kienu waslu ghal ftehim bhal dak a fol. 9, izda gie pruvat ukoll li dana l-ftehim ma giex iffirmat mill-konvenuti ghal raguni valida u konsegwentement l-atturi ma setghux jibbazzaw it-talba taghhom fuq dan id-dokument mhux iffirmat.

Jigi rilevat inolttre li skond id-Dok. 9 para. 2 Edward Borg kien qed jirrinunzja favur il-konvenuti bil-kondizzjoni espressa li Borg jircievi l-korrispettiv ta' flus imsemmija, liema hlas ma sarx, ghalhekk proprjament Borg jigi li ma rrinunzjax.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talba attrici
bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------